MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 743/2007

**Port Estates Limited**
**vs.**
**(1) Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar;**
**(2) Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent;**
**(3) Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Lulju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1.1 Illi r-rikorrenti tipposjedi b'titolu ta' proprjeta bicca art f'zona akbar maghrufa bhala tal-Mielha, f'Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, kif indikata fl-annessa pjanta Dokument A;
1.2 Illi ghalkemm tali art tinsab barra miz-zona ghall-izvilupp ghandha faccata fuq triq pubblika u din kif tirrizulta mill-pjanta annessa. Barra minn hekk hemm zvilupp ta' proprjeta fuq tlett nahhat tal-art in kwistjoni;

1.3 Illi l-art in kwistjoni tikkwalifika sabiex tigi kkunsidrata bhala zona ta’ zvilupp billi tissodisfa l-kundizzjonijiet u l-kriterji stabbilit mill-intimati ghar-revizjoni tal-Pjan ta’ Struttura, liema revizjoni dahhlet fis-sehh fil-15 ta’ Frar 2007;
1.4 Illi l-kabinett kien hareg memo rigward revizjoni tal-Pjanijiet Lokali tramite razjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp, liema memo gie inserit u ppublikat mill-Awtorita ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) f’Mejju tal-2006;
1.5 Illi sussegwentement ghal tali memo, f’Mejju 2006, il-MEPA ippubblikat dokument ghall-konsultazzjoni pubblika fejn stabbiliet l-interpretazzjoni taghha dwar il-kriterji mghoddija lill-Kabinett u li permezz taghhom kellhom jigu mhejjija l-Pjani Lokali permezz ta’ Razzjonalizzazzjoni tal-konfini tal-Izvilupp. Sussegwentement inbeda il-process ghali tali razzjonalizzazzjoni tal-konfini li kellu jsir principalment ghab-bazi tal-memo tal-Kabinett;
1.6 Illi r-rikorrenti kienu resqu fil-hin it-talba taghhom quddiem il-MEPA u ghamlu sottomissjonjiet fejn talbu li l-art taghhom fuq deskritta tigi inkluza fiz-zona ta’ zvilupp fil-pjan lokali rilevanti;
1.7 Illi minkejja dan it-talba tal-esponenti giet michuda mill-intimati bla avviz u minghajr ma nghatat raguni u l-esponenti saru jafu bir-rifjut meta raw il-Pjan Finali;
1.8 Illi minkejja li l-art tar-rikorrenti kienet tissodisfa il-kriterji stabbiliti xorta kienet giet rifjutata filwaqt li proprjetajiet fl-istess zona, fl-istess triq u fuq l-istess naha gew accettati u inkluzi u dan kif ser jigi dimostrat waqt is-smigh tal-kawza. Fil-fatt giet inkluza art ta’ terzi li tinsab biss ftit metri il-boghod mill-art tar-rikorrenti u b’faccata fuq l-istess triq;
1.9 Illi r-rifjut tal-intimati li jinkludu l-art tar-rikorrenti fiz-zona ghall-izvilupp kienet abusiva u illegali ikkawza u qieghed jikkawza diskriminazzjoni bejn ir-rikorrenti u dawk it-terzi li l-art taghhom giet inkluza fiz-zona tal-izvilupp;
1.10 Illi l-agir tal-intimati kif premess huwa abbuziv u ultra vires billi l-istess intimati ma mxewx skond il-parametri stabbiliti;
1.11 Illi in oltre tali agir jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 14 tal-

Konvenzjoni Ewropeja mehud in konsiderazzjoni mal-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll billi l-agir tal-intimati huwa agir diskriminatorju;
1.12 Illi in oltre tali rifjut jafettwa d-dritt ta' proprjeta tar-rikorrenti billi jfixxkel lir-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjeta taghhom u b'hekk johloq ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghall-konvenzjoni Ewropeja;
1.13 Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati permezz ta' ittra ufficjali tal-25 ta' April 2007 izda dawn baqghu inadempjenti;
1.14 Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet li l-intimati previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

2.1 Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjan Lokali rilevanti fil-process tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ghall-izvilupp huwa ultra vires billi ma segwietx il-kriterji stabbiliti;
2.2 Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrent miz-zona ta' zvilupp fil-Pjan Lokali rilevanti fil-process tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ghall-izvilupp huwa abbuz tas-setgha ta' l-intimati billi tali rifjut sar ghal ghanijiet mhux xierqa u gie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
2.3 Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjan Lokali rilevanti fil-process tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ghall-izvilupp tohloq vjolazzjoni tal-kostituzzjoni kemm ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta u tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni kif fuq spjegat;
2.4 Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjan Lokali rilevanti fil-process tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ghall-izvilupp tohloq vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe' tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta, kif ukoll tal-artikolu 14 mehud in konsiderazzjoni ma Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u

cioe diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjeta taghhom;
2.5 Tiddikjara li l-art tar-rikorrenti tissodisfa l-kriterji stabbiliti sabiex din tigi inkluza f'zona ta' zvilupp u sussegwentement tordna lill-intimati sabiex jinkludu tali art bhala wahda li taqa f'zona ta' zvilupp;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti inkluz ghad-danni u kumpens iehor lilhom spettanti skond il-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti, hlief f'dak li jirrigwarda t-talbiet tar-rikors odjern li jgibu n-numri 2.3 u 2.4, m'humiex il-legittimi kontradittturi;

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, qed jigi solevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza da parti ta' din l-Onorabbli Qorti u senjatament fir-rigward tat-talbiet 2.3 u 2.4 fir-rikors odjern peress li din il-Qorti hija qorti civili u minhabba f'hekk m'ghandhiex il-mansjoni li tiddeciedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali, kif qed jippretendi r-rikorrenti fir-rikors tieghu;

Illi ukoll minghajr ebda pregudizzju, ma jirrizultax li r-rikorrenti sofra xi vjolazzjoni ta' xi dritt sancit mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni dwar d-Drittijiet tal-Bniedem, kif qed jippretendi l-istess rikorrenti;

Illi jidher illi r-rikorrenti qed jipprova jimpunja att amministrattiv a bazi tal-Artiklu 469A ghalkemm dan konvenjentement mhux msemmi fir-rikors odjern;

Illi minghajr pregudizzju l-esponenti hu tal-fehma li l-process kollu li qed jipprova jimpunja l-istess rikorrenti

huwa rizultat ta' process shih legislativ, liema process allura m'jistax jigi mpunjat a bazi tal-Artiklu msemmi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta stante li ma saritx entro t-terminu ta' sitt xhur skond l-Artiklu 469A SubArtiklu 1(b);

Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura, sar b'mod ghal kollox legali u ai termini tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kap. 356);

Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u kif diga gie ribadit, il-process li gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv;

Rat il-lista tax-xhieda tal-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali;

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament, in kwantu ghat-talbiet rellattivi ghall-inkluzjoni ta' l-art de quo fiz-zona ta' l-Izvilupp, l-Awtorita esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur, stante illi l-Awtorita esponenti m'ghandhiex il-vires legali illi tinkudi art fiz-zona ta' l-izvilupp, u dan peress illi kull inkluzjoni gdida fiz-zona ta' l-Izvilupp taqa fil-gurisdizzjoni parlamentari;
2. Illi l-involviment ta' l-Awtorita esponenti fil-kaz ta' tfassil u l-approvazzjoni ta' Pjan Lokali huwa li tapprova abbozz ta' l-istess Pjan Locali, liema abbozz, biex jigi fis-sehh jehtieg ad validadtem, l-approvazzjoni ministerjali jew parlamentari skond dak kontenut fih, u stante illi l-parti relattiva ghal dawk iz-zoni li kien propost li jkunu inkluzi fiz-zona ta' l-Izvilupp, u ghaldaqstant li kienet tehtieg approvazzjoni parlamentari, kienet lesta, ppublikata u maghrufa qabel il-hamsa (5) ta' Lulju 2006, u cioe id-data meta tressqet ir-risoluzzjoni parlamentari mill-Onor Ministru quddiem il-kamra tad-Deputati, l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-Awtorita esponenti hija preskritta

a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant huwa assurd li dawn il-provedimenti jigu impunjati abbazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura, u dana a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 356, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006;

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, imkien ma jidher illi s-socjeta' rikorrenti ghandha xi permess ghall-izvilupp ta' l-art mahrug mill-Awtorita kompetenti u ghaldaqstant m'ghandha l-ebda dritt vestit, u ghaldaqstant it-tezi proposta mis-socjeta' rikorrenti illi l-Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienet obbligata, skond il-ligi, li tezegwixxi tali ripristinar u reintegrazzjoni hija assurda stante illi l-artikolu 18 (3A) tal-Kap. 356 jistabbilixxi li l-pjani ta' struttura ma jolqtux b'mod negattiv arei li fuqhom inghataw permessi ghall-izvilupp validi mahruga qabel id-data tal-bidu fis-sehh tar-revizjoni tal-pjan ta' struttura;

6. Illi l-Awtorita esponenti qdiet l-inkarigu taghha fil-kumpilazzjoni u tlestija tal-Pjan Lokali, liema ezercizzju kien jinkludi l-estenzjoni taz-zoni ta' l-Izvilupp, skond il-provvedimenti tal-Ligi, kif ukoll skond il-kriterji applikabbli, u skond liema kriterji l-art de quo ma kienetx tikkwalifika biex tkun inkluza fiz-zona ta' l-izvilupp;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'hemm l-ebda bazi fuq x'hiex is-socjeta' rikorrenti tista li dina l-Onorabbli Qorti tista tordna illi l-art de quo tigi inkluza fiz-zona ta' l-Izvilupp;

8. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi minkejja il-fatt illi l-partijiet kollha inghataw zmien xieraq sabiex jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet kienet biss l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar illi ipprezentat nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza dwr l-eccezzjonijiet preliminari imressqa mill-konvenuti;

Ikkunsidrat :

Illi giet esebita il-mozzjoni illi giet ipprezentata fil-kamra tad-Deputati fil-5 ta’ Lulju 2006 mill-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema mozzjoni ipproponiet illi l-kamra tad-Deputati tapprova ir-revizjoni parzjali tal-pjan ta’ struttura ghall-Gzejjer Maltin skond il-provvedimenti tal-Artikolu 18 (3A) u 22 (3) ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp ghall-iskop illi l-artijiet murija fil-pjanti annessi ma din ir-rizoluzzjoni u li jiffurmaw parti integrali minnha jkunu inkluzi fiz-zona ta’ l-izvilupp bhala parti integrali mill-istess Pjani Lokali.

Illi l-konvenut Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ipprezenta mozzjoni approvata fil-Parliament f’Lulju 2006 illi giet esebita u giet immarkata bhala Dokument “A”.

Illi permezz ta’ din il-mozzjoni il-Kamra tad-Deputati approvat r-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta’ Struttura ghall-Gzejjer Maltin ghall-iskop illi l-artijiet murija fil-pjanti annessi mar-rizoluzzjoni jkunu inkluzi fiz-zona ta’ l-izvilupp bhala parti integrali mill-istess Pjani Lokali.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta’ attrici ipprezentat il-kawza odjerna wara illi saret taf illi l-art mertu ta’ din il-kawza ma kienitx giet

inkluza fiz-zona ta’ l-izvilupp fil-pjan lokali. Is-socjeta’ attrici argumentat illi minkejja illi l-art in kwistjoni tinsab barra iz-zona ta’ l-izvilupp ghandha faccata fuq triq pubblika u hemm zvilupp ta’ proprjeta’ fuq tlett nahat ta’ l-art taghha.

Illi is-socjeta’ attrici irreferiet ghal memo ippublikat mill-MEPA f’Mejju 2006 illi kien jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-MEPA dwar il-kwistjoni mghoddija lill-Kabinett illi permezz taghhom kellhom jigu imhejjija il-pjani lokali permezz ta’ razzjonalizzazzjoni tal-konfini tal-izvilupp. Inbeda l-process ghal tali razzjonalizzazzjoni tal-konfini illi kellu isir principalment a bazi tal-memo tal-kabinett.

Illi s-socjeta’ attrici qeghda issostni illi r-rifjut tal-konvenuti illi jinkludu l-art tas-socjeta’ rikorrenti fiz-zona ta’ l-izvilupp kien abbuziv u illegali kif ukoll illi saret diskriminazzjoni bejn is-socjeta’ attrici u dawk it-terzi li l-art taghhom giet inkluza fiz-zona ta’ l-izvilupp.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali eccepew illi hlief ghal dak illi jirrigwarda it-talbiet tar-rikors guramentat odjern li jgibu n-numri 2.3 u 2.4 huma mhumiex il-legittimi kontradditturi, kif ukoll illi din il-Qorti m’ghandhiex kompetenza fir-rigward tat-talbiet 2.3 u 2.4 fir-rikors odjern peress li din il-Qorti hija Qorti Civili u minhabba f’hekk ma ghadhiex il-mansjoni li tiddeciedi kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali.

Illi l-konvenuta Awtorita ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar eccepiet illi in kwantu ghat-talbiet rellattivi ghall-inkluzjoni ta’ l-art fiz-zona ta’ l-Izvilupp, l-Awtorita konvenuta m’hijiex il-legittimu kontradittur, kif ukoll illi l-involviment ta’ l-Awtorita konvenuta fil-kaz ta’ tfassil u l-approvazzjoni ta’ Pjan Lokali huwa li tapprova abbozz ta’ l-istess Pjan Lokali, liema abbozz jehtieg l-approvazzjoni ministerjali jew parlamentari u ghalhekk mid-data meta tressqet ir-risoluzzjoni parlamentari quddiem il-kamra tad-Deputati, l-azzjoni tas-socjeta’ attrici fil-konfront ta’ l-

Awtorita konvenuta hija preskritta a tenur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.

Illi l-Awtorita konvenuta eccepiet ukoll illi il-process li gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghalhekk dawn il-proceduri ma jistghux jigu impunjati abbazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti qeghda tirrispingi l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni imressqa mill-konvenuti kollha u dana peress illi l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid specifikatament illi l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :

(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni.

(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires.

Illi fil-paragrafu (3) tal-istess Artikolu 469A tal-Kap. 12 il-ligi tghid illi l-azzjoni ghall-impunjazzjoni ta' ghemil amministrattiv trid tkun istitwita invarjabbilment fi zmien li ma jeccedix sitt xhur minn meta l-persuna interessata saret, jew setghet, tkun taf bl-ghemil.

Illi l-Artikolu 469A jghid car u tond illi it-terminu ta' sitt xhur illi fih ghandha tigi ipprezentata il-kawza sabiex twaqqa ghemil amministrattiv ma japplikax f'kazijiet fejn tista tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inkluzi ukoll dawk fondamentali.

Ghaldaqstant fil-kaz odjern fejn qed jigi allegat illi l-ghemil amministrattiv kiser il-Kostituzzjoni, il-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur ma japplikax u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni qeghdin jigu respinti.

Ikkunsidrat :

Illi in kwantu ghall-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali fis-sens illi huma mhumiex il-legittimu kontradditturi hlief ghal dak li jirrigwarda it-talbiet li jgibu n-numri 2.3 u 2.4 u ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni imressqa mill-Awtorita konvenuta fis-sens illi mhijiex il-legittimu kontradittur in kwantu ghat-talbiet rellattivi ghall-inkluzjoni ta’ l-art fiz-zona ta’ l-Izvilupp, il-Qorti tara illi huwa prematur illi tiddeciedi dawn l-eccezzjonijiet f’dan l-istadju u qeghda tirrizerva il-gudizzju taghha dwar dawn l-eccezzjonijiet ghal gudizzju finali.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali fis-sens illi din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza fir-rigward tat-talbiet 2.3 u 2.4 fir-rikors guramentat il-Qorti regghet rat l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 illi jghid specifikatament illi l-Qrati tal-Gustizzja ta’ kompetenza civili bhalma hi din il-Qorti ghandhom gurisdizzjoni jistharrgu l-validita’ ta’ xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :
(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni.

Illi aktar cara minn hekk il-Ligi ma setghetx tkun u il-Qorti ma tistax tifhem kif tista tigi ipprezentata eccezzjoni bhal din meta il-Ligi tghid illi hija l-Qorti Civili li ghandha il-kompetenza sabiex tiddeciedi dawn it-tip ta’ kawzi.

Ghaldaqstant u in rikapitulazzjoni il-Qorti qeghda tirrizerva il-gudizzju taghha dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali ghal gudizzju finali u qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali. Il-Qorti qeghda tichad ukoll is-sitt eccezzjoni tal-konvenuti Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali.

Illi l-Qorti qeghda tirrizerva illi tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-Awtorita konvenuta f’gudizzju finali u qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta. Il-Qorti qeghda tirrizerva illi tipprovdi dwar it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta fil-gudizzju finali.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------